

**Sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-11 ta' Diċembru 2007 — Portela & Companhia vs L-UASI — Torrens Cuadrado et Gilbert Sanz (Bial)**

(Kawża T-10/06) <sup>(1)</sup>

“Trade mark Komunitarja — Proċedura ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għal trade mark Komunitarja figurattiva Bial — Trade mark nazżjonali verbali preċedenti BIAL — Raġuni relatata għal rifjut — Probabbiltà ta' konfużjoni — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 40/94 — Prova ta' l-eżistenza tat-trade mark preċedenti — Koeżistenza ta' trade marks preċedenti — Motiv li jimmodifika s-suġġett tal-kawża — Provi ppreżentati għall-ewwel darba quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza — Spejjeż sostnuti quddiem id-Diviżjoni ta' Oppożizzjoni”

(2008/C 22/79)

Lingwa tal-kawża: Il-Portugiż

### Partijiet

Rikorrenti: Portela & Companhia, SA (S. Mamede do Coronado, il-Portugall) (rappreżentant: J. Conceição Pimenta, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: J. Novais Gonçalves, aġent)

Partijiet oħra fil-kawża quddiem il-Bord ta' l-Appell ta' l-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza: Juan Torrens Cuadrado u Josep Gilbert Sanz (Ġava, Spanja)

### Suġġett tal-kawża

Rikors imressaq kontra d-deċiżjoni ta' l-Ewwel Bord ta' l-Appell tal-UASI ta' l-14 ta' Settembru 2005 (każ R 897/2004-1) dwar proċedura ta' oppożizzjoni bejn Juan Torrens Cuadrado u Josep Gilbert Sanz, minn naħa, u Portela & Companhia, SA, min-naħa l-oħra.

### Dispożittiv

- 1) Id-deċiżjoni ta' l-Ewwel Bord ta' l-Appell ta' l-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fuq is-Suq Intern (Trade marks u disinni) (L-UASI) ta' l-14 ta' Settembru 2005 (każ R897/2004-1) hija annullata safejn tordna lir-rikorrenti tbat i s-somma ta' EUR 600 għall-ispejjeż sostnuti minn Torres Cuadrado u Gilbert Sanz għall-finijiet tal-proċedura ta' oppożizzjoni.
- 2) Ir-rikors huwa miċħud għall-bqija.
- 3) Portela & Companhia, SA għandha tbat i barra l-ispejjeż tagħha, nofs l-ispejjeż sostnuti mill-UASI.

<sup>(1)</sup> ĠU C 60, 11.3.2006.

**Sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tat-12 ta' Diċembru 2007 — L-Irlanda et vs Il-Kummissjoni**

(Kawżi magħquda T-50/06, T-56/06, T-60/06, T-62/06 u T-69/06) <sup>(1)</sup>

“Għajjuna mill-Istat — Direttiva 92/81/KEE — Dazju tas-sisa fuq iż-żjut minerali — Żjut minerali użati bħala kombustibbli għall-produzzjoni ta' allumina — Eżenzjoni mogħtija mill-Awtoritajiet Franċiżi, Irlandiżi u Taljani — Għajjuna ġdida — Għajjuna eżistenti — Obbligu ta' motivazzjoni — Stħarriġ ex officio”

(2008/C 22/80)

Lingwi tal-kawża: L-Ingliż, il-Franċiż u it-Taljan

### Partijiet

Rikorrenti fil-kawża T-50/06: L-Irlanda (D. O'Hagan, aġent, assistit minn P. McGarry, barrister)

Rikorrenti fil-kawża T-56/06: Ir-Repubblika Franċiża (rappreżentanti: G. de Bergues u S. Ramet, aġenti)

Rikorrenti fil-kawża T-60/06: Ir-Repubblika Taljana (rappreżentanti: G. Aiello, avvocato dello Stato)

Rikorrenti fil-kawża T-62/06: Eurallumina SpA (Portoscuso, l-Italja) (rappreżentanti: L. Martin Alegi, R. Denton u M. Garcia, solicitors)

Rikorrenti fil-kawża T-69/06: Aughinish Alumina Ltd (Askeaton, l-Irlanda) (rappreżentanti: J. Handoll u C. Waterson, solicitors)

Konvenuta: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: V. Di Bucci, N. Khan, P. Stancanelli u K. Walkerová, aġenti)

### Suġġett

Talbiet għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/323/KE, tas-7 ta' Diċembru 2005, dwar l-eżenzjoni mid-dazju tas-sisa fuq iż-żjut minerali użati bħala kombustibbli għall-produzzjoni ta' allumina fir-reġjun ta' Gardanne, fir-reġjun ta' Shannon u f' Sardinja, implementata rispettivament minn Franza, l-Irlanda u l-Italja (ĠU 2006, L 119, p.12).

### Dispożittiv

- 1) Il-kawżi T-50/06, T-56/06, T-60/06, T-62/06 u T-69/06 huma magħquda għall-finijiet tas-sentenza.
- 2) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/323/KE, tas-7 ta' Diċembru 2005, dwar l-eżenzjoni mid-dazju tas-sisa fuq iż-żjut minerali użati bħala kombustibbli għall-produzzjoni ta' allumina fir-reġjun ta' Gardanne, fir-reġjun ta' Shannon u f' Sardinja, implementata rispettivament minn Franza, l-Irlanda u l-Italja hija annullata.